# Mawriet f'Cavagrande del Cassibile

## BirdLife Malta torganizza *day trips* fi Sqallija għall-membri tagħha u għall-BOV Sports and Social Club

Dan l-aħħar BirdLife Malta organizzat mawriet f'Cavagrande del Cassibile (Provinċja ta' Siracusa) – zona li toffri fost l-isbaħ xenarji fil-Monti Iblei, reġjun muntanjuż fix-Xlokk ta' Sqallija.

Waħda mid-*day trips* (is-Sibt 5 ta' Novembru) saret għal membri ta' BirdLife Malta u l-ħbieb tagħhom waqt li l-oħra (il-Ħadd 13 ta' Novembru) saret għall-membri tal-Bank of Valletta Sports & Social Club.

Ir-Riserva Naturali ta' Cavagrande del Cassibile hija riserva ta' importanza ġeografika u arkeoloġika. Ir-Riserva tkopri zona mifruxa fuq 2,700 ettaru ta' art fir-reġjun ta' Avola, Siracusa u Noto. Ix-xmara Cassibile taqsam ir-riserva u tul il-millenji ħolqot sensiela ta' widien fondi li huma mifruxin fuq aktar minn 10 kilometri.

Il-mixjiet bdew u ntemmu fi Prisa-Carrubella, l-unika mogħdija li bħalissa hi miftuħa għall-pubbliku. Mogħdijiet oħra jinsabu magħluqin minħabba nar qawwi li madwar sentejn ilu ħakem l-inħawi u rrenda dawn iz-zoni perikolużi u inaċċessibbli.

It-*trek* kopriet madwar 8km ta' foresta tul dan il-ħondoq minn fejn – madwar 280 metru 'l isfel - tgħaddi x-xmara Cassibile u tifforma nixxigħat u għadajjar. L-inħawi huma mimlijin flora li tinkludi ballut, żafżaf, oljandru, liedna u felċi fost pjanti u arbuxelli oħra. Il-fawna tal-post tinkludi mazzarell, friefet ikkuluriti, ajkli, spanjuletti kif ukoll qwabar u troti.

Kienet ġurnata mill-isbaħ għaż-żewġ gruppi li ġiet fi tmiemha bi żjarat f'Marina di Modica u ċ-ċentru ta' Pozzallo fil-każ ta' grupp minnhom; u fil-belt ta' Modica, li hi famuża għaċ-ċikkulata, fil-każ tal-grupp l-ieħor.

**TMIEM**

www.birdlifemalta.org/become-member

Għinna ntiru

Issieħeb ma' BirdLife Malta u tir magħna

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ritratti:**
1. Membri ta' BirdLife Malta u l-ħbieb tagħhom fi Sqallija (Ritratt ta' BirdLife Malta)
2. Membri tal-BOV Sports & Social Club fi Sqallija (Ritratt ta' BirdLife Malta)

